MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 692/2003

**JOE CHETCUTI BONAVIA**
vs

**GORDON DEBONO PERSONALMENT U IN RAPPREZENTANZA TAS-SOCJETA' LEISURE HOLDINGS LIMITED**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tar-rikors li bih ir-rikorrent espona bir-rispett:

Illi b'sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-22 ta' April, 1988 fl-ismijiet *Joe Chetcuti Bonavita vs Gordon Debono personalment u in rappresentanza tas-socjeta' Leisure Holdings Limited* (Citaz. Nru. 588/98 AJM) (kopja legali ta' dina s-sentenza hija hawn annessa u mmarkata Dok. "A"), l-intimat gie kkundannat ihallas lill-imsemmi Joe Chetcuti

Bonavita s-somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2000), piu’ imghax legali u spejjez li skond l-annessa taxxa mmarkata Dok. “B” jammontaw ghal mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm262.33);

Illi s-somma fuq imsemmija  hija dovuta mill-intimat lir-rikorrent rapprezentanti arretrati ta’ paga dovuta, u wara li l-intimat hareg *cheque* ghas-somma dovuta, dan ic-*cheque* gie “*referred to drawer*”.

Illi ghalkemm interpellat sabiex ihallas l-imsemmi bilanc, l-intimat baqa’ inadempjenti;

Illi fid-data tal-prezentata ta’ l-att odjern l-intimat ghandu jhallas is-somma komplessiva ta’ tlett elef tlett mija u zewg liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm3302.33), kwantu ghal Lm2,000 bhala sorte, Lm1,040 bhala imghax legali, Lm262.33 spejjez gudizzjarji u legali inkorsi; salvi spejjez ulterjuri;

Illi r-rikorrent umilment jitlob lill-Onorabbli Qorti biex tawtorizza li hu jipprocedi sabiex jesegwixxi l-imsemmija sentenza non ostante li ghaddew aktar minn hames snin mid-data ta’ l-istess, kontra l-intimat skond il-fuq citata sentenza ta’ dina l-Onorabbli Qorti u dana *ai termini* ta’ l-artikolu 258 tal-Kap.12;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza jesegwixxi s-sentenza fuq citata kontra l-intimat u dana taht kull provvediment illi joghgobha taghti dina l-Onorabbli Qorti.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimat pro et nomine li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet l-Avukati tal-partijiet;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirizulta pruvata.

Fil-kontumacja ta’ l-intimat tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimat proprio et nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------